# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2624

**Kaz Nru. 3340/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Joanna Zammit (ID 253494 (M) )**

**u**

**Stanley Warne (KI 33964 M)**
***(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).***

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Joanna Zammit, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2015. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Leontine Calleja u s-Sur Stanley Warne kien assistit mill-Avv. Ian Spiteri Bailey.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti tghid, li kienet impjegata mal-intimat bhala hairdresser sa mill-1 ta' Novembru, 2013. Hija tghid ukoll, li**

**harget tqila u t-tabiba ordnatilha li tistrieh u ma tmurx ghax-xoghol u dan kien fil- 21 t'a Ottubru, 2014.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha, li l-intimat mill-ewwel wera li ma hax pjacir li hija harget tqila u beda jghid li mhux sew li ser taghmel xi zmien ma tmurx ghax-xoghol. Hija tghid ukoll, li hija kienet tmur ghand it-tabiba ta' spiss u kienet hi li ordnatielha biex ma tmurx ghax-xoghol u di fatti ghamlitilha diversi certifikati medici sabiex jigi kopert iz-zmien li ma attenditx ghax-xoghol.**

**Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li kienet ma tiflahx u kellha bzonn il-mistrieh u ma setghetx tidhol ghax-xoghol mill-21 t'a Ottubru, 2014 sa 1 ta' Dicembru, 2014 u dan il-perjodu kien kopert minn certifikati medici. Hija tghid ukoll, li marret lura ghax-xoghol fl'1 ta' Dicembru, 2014 u hadmet ukoll l-ghada it-2 ta' Dicembru, 2014 u fit-3 ta' Dicembru, 2014 ma kienitx xoghol peress li l-hanut ma jiftahx bhalma jigri kull nhar ta' Erbgha. Hija tghid ukoll, li meta dahlet ghax-xoghol il-Hamis 4 ta' Dicembru, 2014 u waslet il-hanut biex tibda il-gurnata tax-xoghol tghathom ic-certifikati.**

**Hija tghid ukoll, li s-sid tal-hanut u martu bdew jkellmuha b'mod abbussiv u arroganti. Hija tghid ukoll, li bdew jghajtu maghha quddiem il-klijenti u bdew jighidulha li hi kienet abbuzat mit-tqala taghha.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li dak inhar hadet kedda kbira u kienet taht shock tant, li cemplet lill ommha biex tmur ghaliha u din haditha l-ghassa biex taghmel rapport kif ukoll marret il-Polyclinc fejn it-tabiba u ghamlet certifikat li hi kienet qed issofri minn shock u anzjeta u kellha bzonn diversi granet ta' mistrieh.**

**Hija tghid ukoll, li baqghet ma dahlitx ghax-xoghol peress li t-tabiba personali taghha regghet ordnatilha il-mistrih wara l-kedda li hadet fuq ix-xoghol kif ukoll, minhabba l-problemi li kienet qed tiffaccja li kienu relatati mat-tqala.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li hija dejjem baghtet ic-certifikati kemm lid-Dipartiment kif ukoll lill-intimat kif hija obligata li taghmel sabiex tiggustifika ghaliex din ma kienitx marret ghax-xoghol. Hija tghid ukoll, li hija kienet saret taf li l-intimat kien itterminalha l-impieg taghha meta rceviet il-formola mid-Dipartament ta' l-ETC.**

**Hija tghid ukoll, li qatt ma kellha problemi fuq ix-xoghol u qatt ma nghatat ebda warning u tkecciet mill-impieg taghha ghax kienet tqila u ghax ma kienitx f'qghada fizika li tmur ghax-xoghol hekk kif gie**

**ccertifikat mit-tabiba taghha. Hija tghid ukoll, li giet mkeccija on disciplinary grounds u t-tkeccija taghha hija ngusta u nvalida fil-ligi.**

**Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li ghandha tithallas ta' hmistax il-gurnata li huwa l-perjodu tan-notice kif ukoll parti mill-Bonus peress li ma thallsitx l-ammont dovut. Hija tghid ukoll, li qed titlob lil dan it-Tribunal Industrijali li jiddeciedi, li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn ma' l-intimat kienet wahda ngusta u qed titlob li tigi moghtija l-ammont pendenti ta' hlasijiet li huma dovuti lillha kif ukoll li tigi mhallsa kumpens gust.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu l-intimat jghid, li l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda. Huwa jghid ukoll, li mhux minnu li mill-ewwel ma hax pjacir li r-rikorrenti harget tqila u lanqas ma hu minnu li f'xi hin ir-rikorrenti giet indirizzata b'mod abbuziv u arroganti u b'ghajjat, kif ukoll li l-kedet li r-rikorrenti taccena ghalihom fir-rikors taghha huma ghal kollox invenzjoni taghha.**

**Huwa jghid ukoll, li dak li qed taccena ghalih li hu dovut lilha n-notice period, kif ukoll hlasijiet ohra dawn id-drittijiet gew imhallsa lillha u aktar minn hekk dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza li jiddelebera**

minn dawn l-aspetti tal-kaz. Huwa jghid ukoll, li abbazi tal-fatti li se jigu mressqa dan it-Tribunal Industrijali ghandu jasal ghal konkluzjoni li kien hemm gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg fuq bazi ta' dixxiplina.

Fl'istqarrija tal-kaz l-intimat jghid ukoll, li erba t'ijiem wara li kienet infurmathu li kienet tqila, hija talbitu sabiex immedjatament tiehu xahar maternity leave u din it-talba saret permezz ta' ommha u l-kunjata taghha liema talba saret fl'20 ta' Ottubru, 2014. Huwa jghid ukoll, li din it-talba ma gietx accettata u wara gie mitlub sabiex tigi moghtija xahar unpaid leave liema talba wkoll ma gietx accettata.

L'intimat ikompli jghid li fl'24 ta' Ottubru, 2014 huwa kellu jsiefer u r-rikorrenti kienet ilha madwar xahar jew aktar taf li ghal tlett ijiem kellha tiftah u taghlaq l-hanut hi. Huwa jghid ukoll, li meta gharraf lill ommha li ma kienitx tista' tiehu xahar leave dawn irrispondewh li meta hu kien se jkun imsiefer ir-rikorrenti ma kienitx se tiftah il-hanut.

Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li dak inhar ta' 20 ta' Ottubru, hija hadmet normali u ma kienx hemm problemi u anke harget tpejjep sigaretti f'hinijiet diversi, izda meta marret ghal break id-dar bejn 12.00hrs u 2.30hrs bil-karozza taghha u f'dan il-frattemp cemplitlu

**l-kunjata taghha fuq il-mobile biex tghidlu, li Joanna kienet dahlet l-isptar ghal kura u ma kienitx se tirritorna. Huwa jghid ukoll, li dwar dan huwa qatt ma ircieva certifikat mediku.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li fl'istess telefonata l-istess kunjata taghha talbet sabiex tigi moghtija s-sensja u tigi maghmula redundant sabiex ma titlifx beneficcji socjali liema talba ma gietx accetta mill-intimat.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li wara dan ir-rikorrenti bdiet sensiela shiha ta' abbuz mid-dritt tas-sick leave, b'certifikati jaslu tard, perjodi mhux koperti bic-certifikati u certifikati li jkopru perjodi b'lura. Huwa jghid ukoll li fl'1 ta' Dicembru, 2014 ircieva sms minghand ir-rikorrenti ghal 10.00 ta' fil-ghodu fejn infurmathu li kienet se tirritorna lura ghax-xoghol fis-2.30hrs. Huwa jghid ukoll, li meta dahlet lura ntalbet tipprovdi certifikat mediku ghas-27, 28 u 29 ta' Novembru, 2014 peress li c-certifikati tal-mard ma kienux waslu ghandhu.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jkompli jghid, li r-rikorrenti hadmet it-Tnejn 1 ta' Dicembru u t-Tlieta 2 ta' Dicembru. L-Erbgha l-hanut ikun maghluq u r-rapurtat ghax-xoghol il-Hamis 4 ta' Dicembru, 2014 fejn qaltlu li kienet marret l-gurnata ta' qabel ghand it-tabib biex iggieblu c-**

**certifikati. Huwa jghid ukoll, li dakinhar dehrlu li jekk kienet sick gimgha qabel, ic-certifikati ma kienux qed jirriflettu il-verita peress illi ma kienux rilaxxjati fil-mument illi kelllhom ikunu. Huwa jghid ukoll, li qaltlu li gabithom issa biex ma tehlix 10 ewro kull darba u dawn gabithom mal-vista li kellha ghand it-tabib.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li dan l-abbuz ma kienx accettabbli u malli talab lir-rikorrenti spjegazzjoni hi qaltlu, li se tirrezenja u ghal dan huwa jghid li qalilha li ma kienx qed ikkeccieha. Wara dan hija telqet il-barra u dan kien ghal habta tad-9.00 a.m. u abbandunat il-post tax-xoghol. Huwa jghid ukoll, li ghal habta tal-11.30 ta' fil-ghodu giet ommha u poggiet certifikat mediku iehor li kien ikopriha ghal seba t'ijiem u jghid li qal lill ommha, li ma kienx veru li kienet sick peress illi fil-ghodu kienet dahlet regolarment ghax-xoghol u ma kellha xejn . Wara dan huwa jghid, li rcieva telefonata biex imur l-ghassa.**

**L-intimat jghid ukoll, li kull meta sar tentattiv ta' komunikazzjoni dejjem jirrispondu familjari tar-rikorrenti b'hafna diskors zejjed u kultant anke dispregattiv. Huwa jghid ukoll, li l-ahhar certifikat kien ikopri s-sick sa 9 ta' Dicembru u kellha b'hekk tirraporta lura ghax-xoghol fl-10 ta' Dicembru, izda halla sas-16 ta' Dicembru u meta ma semgha xejn minn ghand ir-rikorrent bghat sms fejn staqsieha jekk**

**kienitx diehla ghax-xoghol. Huwa jghid, li hija rrispondiet fit-tieni attentat li ghamel biex jikkuntattjaha fejn qaltlu skond kif inkun. Huwa jghid ukoll, li talabha certifikat mediku u hi rrispondiet illi kienet baghtithom is-Sibt u fil-fatt dawn irceviehom wara jumejn.**

**L'intimat ikompli jghid li fit-8 ta' Jannar, ircieva bil-posta zewg certifikati medici li kienu open certificates mill-25 ta' Dicembru u mill-1 ta' Jannar, 2015 u dawn irceviehom meta l-impjieg taghha kien diga gie terminat minhabba dan l-abbuz tas-sick leave u l-modd kif kienu qed jigu ttrattati.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li l-agir tar-rikorrenti ma kienx accettabbli. Huwa jghid ukoll, li din kienet l-unika mpjegata li kellu u ma setghax jahdem f'dawk il-kundizzjonijiet. Apparti minn dan, fis-sena li kienet ilha mpjegata kollox kien miexi sewwa imma l-agir tal-familjari taghha, li anke wasslu ghand il-puluzija wassal ukoll biex anke l-komunikazzjoni mar-rikorrent kienu saru difficli. Huwa jghid ukoll, li f'dawn ic-cirkostanzi l-pozizzjoni tar-rikorrenti bhala mpjegata ma baqghetx aktar tenibbli u b'hekk gie tterminat l-impjieg taghha fuq bazi ta' dixxplina.**

**Mill-provi jirrizulta, li rrikorrenti kienet impjegata bhala hairdresser f'hanut zghir tal-hairdressing li kien immexxi mis-sid u kellu lilha biss bhala mpjegata. Mill-provi jirrizulta wkoll, li hija kienet ilha mpjegata fil-hanut mill-1 ta' Novembru, 2013 u minn kif jghid l-istess sid matul il-perjodu ta' l-impjieg taghha sakemm irrizulta l-kaz inkwestjoni, huwa ma kellu x'jghid xejn fiha u kienet taghqdi d-doveri taghha tajjeb.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti lejn l-ahhar tas-sena ta' 2014 harget tqila u hija tghid, li b'rizultat tat-tqala kienet qed tigi affettwata negattivament is-sahha fizika taghha.**

**Mill-provi jirrizulta li skond kif tixhed Dr Maria Deguara fis-seduti tat-28 ta' Jannar, 2016 u tas-17 ta' Marzu, 2016 tghid " li l-kundizzjoni meta jkollok hyperemesis gravidarum tibda t-tqala b'tali mod li kwazi through in-nine months tkun dejjem qisek qeghda tifflotja fl-arja jigifieri naf xi tfisser ghandi erbghin sena esperjenza b'dawn il-kazijiet, certu tqaliet tista tibqa ghaddejja qisek m'inthix u ohrajn izommuk ghal kollox". Fix-xhieda taghha hija tispjega, li din ma kienitx xi morning sickness akuta izda hija tip ta kundizzjoni ohra. Hija tkompli tghid li " bicciet minnhom tant ikunu akuti nibghatuhom l-isptar infatti kont jekk miniex sejra zball bghattha xi darbtejn l-isptar fuq din il-bicca xoghol jiddrippjawhom hemm" Fix-xhieda taghha it-tabiba tghid ukoll li gieli rat lir-rikorrenti darbtejn kuljum.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fl'20 ta' Ottubru u fil-granet ta' wara, familjari tar-rikorrenti avvicinaw lis-sid sabiex ir-rikorrenti ma tattendix ghax-xoghol ghal xahar u saru lis-sid proposti biex jghamel koncissjoni li javvanzala xahar leave tal-maternita li ma gietx accetteta, wara saret proposta li tigi moghtija xahar leave bla hlas u anke din ma gietx accettata u finalment gie propost lis-sid biex ir-rikorrrenti ma titlaqx minn jeddha u tigi ddikjarata redundant sabiex hi ma titlifx il-beneficcji socjali u liema proposta ma gietx accetteta mis-sid.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li mill-21 ta' Ottubru, r-rikorrenti rrapurtat sick u dahlet lura ghax-xoghol fil-1ta' Dicembru wara nofs inhar. Mill-provi jirrizulta wkoll, li f'dan il-perjodu li damet bis-sick kien hemm tlett ijiem tas-27, 28 u 29 ta' Novembru ma kienux koperti b'certifikati tas-sick leave u dan il-perjodu gew koperti mit-tobba wara li gew mitluba mis-sid.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li dawn ic-certifikati gew pprovduti mir-rikorrenti fl'4 ta' Dicembru u minn naha tas-sid jghid, li talab spjegazzjoni lir-rikorrenti kif dawn ic-certifikati saru wara li jkopru dawk il-granet tas-sick leave u ghalhekk beda jallega li kien qed isir**

**abbuz tas-sick leave. Minn naha tar-rikorrrenti tghid, li hija kienet taht il-kura kontinwa tat-tabiba u kienet taf minn x'hix qed tbghati u tghid ukoll, li meta pprezentat dawn ic-certifikati kemm is-sid kif ukoll il-mara tieghu bdew jindirizzawha b'modd arroganti u abbuziv.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li hadet kedda kbira u kien ghalhekk li meta giet ittrattata b'dan il-mod telqet il-barra mill-post tax-xoghol ghax kienet taht shock u bl'assistenza ta' ommha marret tghamel rapport l-ghassa tal-puluzija ghal mod kif giet ittratta mis-sid kif ukoll, marret ghal vista l-Poliklinika u konsegwentament permezz ta' ommha pprezentat lis-sid certifikat ta' mard li kien ikopri seba t'ijiem ohra liema certifikat kien ikopri sad-9 ta' Dicembru.**

**Mill-provi jirrizulta ukoll li fl'10 ta' Dicembru, hija ma rrapurtatx ghax-xoghol u wara r-rikorrenti giet ikkuntattjata mis-sid fis-16 ta' Dicembru fejn infurmatu li kienet se tidhol ghax-xoghol skond kif ihossha u meta giet mitluba dwar ic-certifikati din qaltu li kienu fil-posta fejn irceviehom fit-8 ta' Jannar, meta l-impjieg taghha skond id-dokumentazzjoni ta' l-ETC kien gie tterminat mis-sid fil-31 ta' Dicembru, 2014 u skond l-istess dokumentazzjoni r-raguni li giet moghtija ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet fuq bazi dixxiplinarja.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li dan kien negozju zghir, li kien immexxi mis-sid u l-unika mpjegata li kellu s-sid kienet ir-rikorrenti, li sakemm inqala l-kaz inkwestjoni ma kien hemm l-ebda problema bejniethom.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li bazikament il-kaz inqala ghar-raguni li l-modd kif kienet qed tagixxi r-rikorrenti, li filli tkun tajba ghax-xoghol u filli ma tkunx, kif ukoll ma tkunx taf ezttament meta tkun bis-sick u meta jghaddi l-perjodu tas-sick leave jekk tkunx tajba ghax-xoghol beda jnissel certu dubju fis-sid li r-rikorrenti kienet qed tabbuza mis-sick leave.**

**Invista ta' dawn ic-cirkostanzi kollha msemmija hawn fuq, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li jekk is-sid beda jissuspetta li r-rikorrenti kienet qed tabbuza mis-sick leave jew ghax-certifikati tas-sick ma waslux fil-hin, ghalkemm huwa setgha jissuggetta lir-rikorrenti ghal passi dixxiplinarji, pero qabel ma jiehu d-decizjoni li jiddixxiplina lir-rikorrenti, huwa kellu jiskatta process ta' dixxiplina.**

**F'diversi okkazzjonijiet dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' dixxiplina fil-konfront ta' l-impjegat u**

**jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji, is-sid ghandu jinforma lill impjegat bil-miktub x'kienu in-nuqqasijiet tieghu, jghatih l-opportunita li jiddefendi l-alleggazzjonijiet li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jigi moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu**

**Dan it-Tribunal Industrijali jirrimarka wkoll li fil-fehma tieghu, fejn is-sid beda jissuspetta li r-rikorrenti kienet qed tabbuza mis-sick leave ghax kien hemm okkazzjonijiet fejn certifikati saru wara, dwar dan l-aspett dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li r-responsabilita ta' dawn ic-certifikati m'hijiex tar-rikorrent imma hija ta' min ghamel dawn ic-certifikati u jekk is-sid hassu mhux sodisfatt setgha jikkontesta dawn ic-certifikati, billi jirreferihom ghal Board Mediku sabiex jigi moghti spjegazzjoni u f'kull eventwalita jservu bhala prova biex jasal ghal Decizjoni.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju l-principal ma ta' l-opportunita lir-rikorrenti li b'mod xieraq tiddefendi l-allegazzjonijiet li kien qed jghamel fil-konfront taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni, li meta s-sid ittermina l-impieg tar-rikorrenti minghajr ma ta' l-opportunita li b'modd xierq tiddefendi l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront taghha, din t-terminiazzjoni ta' l-impjieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll, li r-rikorrenti ghandha tithallas kumpens minghand Stanley Warne (KI 33964 M ) ta' €9,360 (disa t'telef, tlett mija u sittin euro).**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li meta jiehu nkonsiderazzjoni li n-negozju tas-sid huwa wiehed zghir, il-kumpens imsemmi ghandu jithallas f'pagamenti kif jidher hawn taht :-**

**L-ewwel pagament ta' €1360 (elf tlett mija u sittin euro) ghandu jithallas fit-8 ta' Novembru, 2019.**

**Il-bilanc tal-pagamenti l-ohra li jammontaw €8,000 (tmien t'telef euro) ghandhom jithallsu €1,000 (elf euro fix-xahar) u jithallas fid-data tat-8**

**ta' kull xahar; jigifieri il-pagament li jkun imiss ghandu jithallas fit-8 ta' Dicembru, 2019 bl-ahhar pagament ikun fit-8 ta' Lulju, 2020.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 29 ta' Ottubru, 2019**